

**Brussell, 12 ta' Ottubru 2022
(OR. en)**

13467/22

**AGRI 529
AGRIFIN 117
AGRIORG 107**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tas-swieq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna - Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri - Skambju ta' fehmiet

Bil-ħsieb tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fis-17 u t-18 ta' Ottubru 2022, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota mill-Presidenza dwar is-suġġett t'hawn fuq.

Is-sitwazzjoni tas-swieq agrikoli, speċjalment wara l-invażjoni tal-Ukrajna

Il-bdiewa Ewropej ħabbtu wiċċhom ma' ħafna sfidi diffiċli din is-sena. Il-gwerra fl-Ukrajna għandha konsegwenzi profondi u inkalkolabbli li ma' hloqnihomx aħna. Il-gwerra ilha għaddejja għal diversi xhur u għadha qed taffettwa s-sitwazzjoni fis-swieq agrikoli. Il-persjoni finanzjarja fuq is-settur agrikolu qed issir intollerabbli għal ħafna produttori. Ittieħdu miżuri fil-livell Ewropew biex jittaffa l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fil-kuntest ta' ktajjen tal-provvista mfixkla u prezzijiet għoljin. L-UE pprovdiet, fost affarijiet oħra, EUR 500 miljun f'għajnuna ta' aġġustament eċċezzjonali (taħt ir-Regolament dwar l-OKS) lis-setturi l-aktar milquta, filwaqt li introduċiet qafas temporanju ta' għajnuna mill-istat għall-kriżijiet.

Ħafna Stati Membri tal-UE intlaqtu ħażin ukoll min-nixfa f'diversi okkażjonijiet din is-sena, li kellha u ser ikompli jkollha impatt negattiv fuq il-produzzjoni agrikola. L-istaġun tax-xitwa li ġej iġib miegħu, bħala kwistjoni tal-akbar importanza u urġenza, il-ħtieġa li jiġi żgurat iż-żriġħ tal-ħarifa, inkluż il-fertilizzanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Huwa meħtieġ li tiġi ggarantita l-provvista tal-enerġija biex tiġi żgurata produzzjoni kontinwa anke f'industriji li jużaw ħafna enerġija.

Bħalissa, problema sinifikanti fis-settur agrikolu hija l-provvista ta' fertilizzanti affordabbli. Il-limitazzjoni tal-fertilizzazzjoni minħabba fertilizzanti għaljin jew mhux disponibbli qed tikkawża tnaqqis fil-produttività u tista' thedded progressivament l-awtosuffiċjenza tal-ikel fl-UE.

Madankollu, is-sitwazzjoni attwali għandha impatti negattivi mhux biss fuq il-bdiewa iżda wkoll fuq il-produtturi tal-fertilizzanti fl-UE. Deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni jista' jwassal għal tnaqqis jew għeluq tal-produzzjoni ta' xi produtturi tal-fertilizzanti tal-UE, kif ukoll impatti negattivi fuq il-produzzjoni agrikola.

Id-dubju u l-inċertezza jikkarakterizzaw ukoll ix-xenarju attwali li qed jiffaċċa s-suq Ewropew tal-prodotti bażiċi tal-bhejjem. Mill-perspettiva tal-produzzjoni tal-bhejjem, hija ż-żieda sproporzjonata fl-inputs tal-produzzjoni u n-nuqqas li din iż-żieda tiġi riflessa fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi agrikoli li tista' titqies bħala l-aktar serja. Madankollu, is-settur tal-prodotti bażiċi tal-bhejjem huwa affettwat minn fatturi oħra, inkluż, minbarra dawk diġà msemmija, is-sitwazzjoni tal-mard, bid-deni Afrikan tal-ħnieżer u l-influwenza avjarja b'mod partikolari li jaffettwaw is-swieq tal-laħam tal-majjal u tal-laħam tat-tjur tal-UE. Abbażi ta' informazzjoni mill-Kummissjoni, is-setturi tal-bhejjem kważi kollha qed jesperjenzaw tnaqqis fil-produzzjoni, li jista' jaffettwa b'mod negattiv l-awtosuffiċjenza tal-UE. Din is-sitwazzjoni ser tiġi aggravata mill-bidu tal-istaġuni tal-ħarifa u tax-xitwa, li huma perjodi tipikament intensivi fl-enerġija, flimkien ma' żieda mistennija fil-prezzijiet tal-ġhalf kompost.

Fid-dawl tal-iżviluppi attwali fis-swieq agrikoli u l-ħtieġa li jiġu vvalutati passi ulterjuri possibbli, il-Presidenza Ċeka tipproponi li d-diskussjoni tiffoka fuq iż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

1. X'inhi l-esperjenza u l-aspettattivi ulterjuri tal-Istati Membri dwar il-miżuri applikati s'issa biex jittaffa l-impatt tal-kriżi wara l-invażjoni tal-Ukrajna, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-Għajnuna ta' Aġġustament Eċċezzjonali taħt ir-Regolament dwar l-OKS jew il-Qafas Temporanju ta' Għajnuna mill-Istat għall-Kriżijiet?
2. L-Istati Membri kif jivvalutaw l-impatt taż-żieda qawwija fil-prezz tal-inputs agrikoli, b'mod partikolari l-fertilizzanti, u liema miżuri jqisu xierqa l-Istati Membri biex jindirizzaw din is-sitwazzjoni, speċjalment fir-rigward tad-disponibbiltà tagħhom u d-disponibbiltà ta' elementi ta' input għall-produzzjoni tagħhom?
